Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell Ċivili numru:- 161/2011

**France Cassar [I.D. 627151M]**
**(appellant)**

**Vs**

**Emanuel Spiteri eżerċenti l-kummerċ bl-isem Qormi Aluminium**
**(appellat)**

30 ta' Mejju, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:**

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba preżentat fid-9 ta' Frar 2011 fit-Tribunal ghal Talbiet Żgħar, l-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' €2,708.10 rappreżentanti bilanċ mhux imħallas minn prezz ta' xogħlijiet għannom u fuq struzzjonijiet tal-konvenut Emanuel Spiteri.

2. Fit-28 ta' Marzu 2011 Emanuel Spiteri wieġeb illi m'għandu jagħtih ebda ammont peress li x-xogħol eżegwit mill-attur ma sarx sew u ma kienx skond is-sengħa u l-arti, tant li kellu jerġa jsir minn terzi persuni wara li l-attur irrifjuta li jirranġa x-xogħol ħażin li għamel. Bla ħsara għal dan, wieġeb li l-ammont pretiż mill-attur huwa fi kwalunkwé każ eżaġerat.

3. B'sentenza tal-21 ta' Marzu 2014, it-Tribunal iddeċieda li x-xogħol li sar mill-attur ma sarx skont is-sengħa u l-arti u għalhekk laqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut għal dak li jirrigwarda l-ħlas mitlub għall-*mano d'opera* tal-attur, laqa' *in parte* it-talba tal-attur għall-materjal li ntuża u ordna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u għaxar Ewro (€410.00) rappreżentanti l-imsemmi materjal, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż ta' Talba.

4. L-attur appella mis-sentenza. L-aggravju hu illi:

a. it-Tribunal ma rrispettax il-liġi in kwantu jirrigwarda l-evidenza mressqa in kwantu ma kellux jistrieħ fuq ir-rapport tal-Perit Sarsero iżda fuq ir-rapport tal-Perit Sammut Tagliaferro li mar fil-post waqt li kien għaddej ix-xogħol; u

b. it-Tribunal ma kienx ġustifikat li jasal għall-konklużjonijiet ibbażati fuq il-premessa li kien sar *pressure test* filwaqt li mill-evidenża li ressaq il-konvenut u saħansitra r-rapport tal-Perit Sarsero jixhdu li ma sar l-ebda pressure test. Jgħid ukoll li s-sors tal-probelma ma kinitx fuq il-parti tal-pajpijiet li ħadem fuqha l-attur iżda min-naħa tax-xellug tal-ħajt.

5. Illi permezz ta' tweġiba preżentata fit-2 ta' Novembru 2016 il-konvenut wieġeb illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar in kwantu ġusta, timmerita konferma.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

6. Illi l-<u>fatti</u> kif jirriżultaw mill-inkartament huma s-segwenti:

- Illi l-konvenut proprjetarju ta' maħżen go Ħal Qormi u bieb ma' bieb miegħu jinsab maħżen ieħor ta' Alfred Gera & Sons Limited li ilmentat minn perkolazzjoni ta' ilma mill-maħżen tal-konvenut għall-ġol maħżen tagħha.

- Skont il-konvenut, l-attur, li hu kaħħal u bajjad,[1] ġie nkarigat minnu fuq suġġeriment ta' Alfred Gera & Sons Limited sabiex jidentifika s-sors tal-problema surriferita u jagħmel it-tiswija neċessarja. Robert Magri, impjegat tal-imsemmija Alfred Gera & Sons Limited[2] u Paul Bilocca,[3] *handyman* mal-istess kumpannija madanakollu xehedu illi kien il-konvenut stess li ssuġġerixxa li x-xogħol ta' riparazzjoni jsir mill-attur peress li kien jaf li diġa għamel xi xogħol għandhom u għalhekk kellhom ikunu sodisfatti b'xogħolu.

- L-attur flimkien mal-*handyman* ta' Alfred Gera & Sons Limited kienu telgħu fuq il-bejt u kkonkludew li l-ilma kien ġej minn pipe tas-sink tat-toilet li jinsab fil-maħżen proprjetà tal-konvenut.

[1] Fol. 10.
[2] Fol. 69.
[3] Fol. 70.

- L-attur xehed li huwa kien kellem lill-konvenut sabiex iġib plumber tiegħu iżda l-konvenut qallu biex jirranġa hu, u għalhekk avviċina plumber.[4] Iżda mistoqsi in kontro-eżami jekk l-attur kienx issuġġerielu jqabbad *plumber,* il-konvenut wieġeb li dan mhux minnu għaliex l-istess attur kien qallu li l-persuna li kellu miegħu seta' jagħmel dan ix-xogħol hu u l-konvenut ftakar li kien mar jixtrilu xi affarijiet huwa stess mingħand l-*ironmonger.*[5]

- Michael Aquilina, electrician u plumber, xehed[6] li jaħdem mal-attur u kien imur miegħu fuq x-xogħol li sar fil-maħżen tal-konvenut. Christopher Bigeni ukoll xehed li kien jassisti lill-attur meta kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet fil-maħżen tal-konvenut.

- Il-partijiet ma setgħux jistabbilixxu stima mill-ewwel għaliex qabel xejn l-attur kellu jkisser fil-kamra tal-banju sabiex jistabbilixxi s-sors tal-probelma. Id-daqs tal-kamra hu ta' madwar erba' piedi b'erba' piedi u nofs.

- Il-konvenut xehed[7] li l-attur qala' ħames filati madum minn mal-ħajt tal-erba' piedi, kisser nofs il-madum tal-art u qala' t-toilet. Irriżulta li kien hemm pipe mhux aktar minn nofs metru li kien milwi mingħajr elbow u għalhekk beda ħiereġ l-ilma minnu. Il-konvenut xehed li l-attur talbu jixtri l-materjal neċessarju sabiex ibiddlu.

- X' ħin qala' l-madum l-attur ġibed l-attenzjoni tal-konvenut li t-torba kienet imxarrba u ssuġġerixxa li tinbidel sabiex ma toħroġx umdità fil-maħżen ta' Alfred Gera & Sons Limited. B'hekk l-attur u l-lavrant tiegħu ħarġu t-torba. Skont il-konvenut kien hemm madwar metru u kwart kwadru.[8] Skont l-attur u l-lavranti tiegħu t-torba ħarġuha bl-idejn t-tul tal-maħżen kollu peress li l-passaġġ kien dejjaq iżda skont Martin Ciantar, lavrant mal-konvenut, it-torba nħarġet bil-karretta.[9] Peress li l-art kienet mikxufa l-attur issuġġerixxa li tingħata kisja qatran u dawra bricks sabiex jekk tirrikorri l-problema l-ilma ma jidħolx għand il-ġar. Dan sar u l-attur u l-lavranti tiegħu saħħnu ukoll il-ħajt bil-*blowtorch* biex jinxef, reġgħu radmu l-art u

[4] Fol. 10.
[5] Fol. 48.
[6] Fol. 23.
[7] Fol. 42.
[8] Fol. 42.
[9] Fol. 52.

qegħdu l-madum. Il-plumbing sar ukoll mill-ġdid inkluż il-katusi u l-gulleys u wara tlett ijiem sar *high pressure test.*[10]

- L-attur xehed li r-ramel, iż-żrar u l-bricks xtrah hu. Xtara ukoll t-toilet u l-flushing u għadda l-irċevuta lill-konvenut. Michael Aquilina xehed ukoll li wara li lestew ix-xogħol marru fil-maħżen ta' Alfred Gera & Sons Limited u kollox kien niexef.[11] Christopher Bigeni ukoll xehed li meta tlestew ix-xogħlijiet il-problema ta' *leakage* t'ilma kienet waqfet u ġiet riżolta għaliex waqt ix-xogħol saru xi testijiet appożiti.[12]

- Il-madum ipprovdieh il-konvenut għaliex kien għad fadallu ż-żejjed minn meta kien għamel it-toilet oriġinarjament.

- Skont il-konvenut[13] il-madum twaħħal ħażin għaliex ma kienx livell peró ma qallu xejn u talbu l-kont. Dan xehedu ukoll il-lavrant tiegħu Martin Ciantar.[14] Inoltre, xi jumejn wara li sar ix-xogħol it-toilet inqaleb bih meta wżah, għalkemm l-attur[15] u Michael Aquilina[16] xehedu li kienu avżawh biex itih ċans joqgħod qabel ma jużah. Il-konvenut informa lill-attur li imbgħad mar lura biex iwaħħlu mill-qiegħ bis-*sealer* provdut mill-konvenut.

- Bejn tlett ijiem u ħamest ijiem wara l-attur għaddielu l-kont u l-konvenut raħ għoli. Skontu prezz ġust kien bejn Lm180 u Lm 250 (ossija bejn €420 – €582) u rrinfaċċa lill-attur f'dan is-sens.

- Sussegwentement l-attur mar ġol-maħżen tal-konvenut flimkien mal-perit Nicholas Sammut Tagliaferro, li kien ġie ingaġġat minn Alfred Gera & Sons Limited biex jissorvelja x-xogħlijiet li kellu jagħmel Frans Cassar. Dak il-ħin il-konvenut kien barra fuq xogħol u l-perit Sammut Tagliaferro ħareġ kont fl-ammont ta' €2,708.10,[17] li kien ogħla minn dak li kien oriġinarjament ħareġ l-attur.[18]

---

[10] Fol. 23.
[11] Fol. 24.
[12] Fol. 30.
[13] Fol. 43.
[14] Fol. 51.
[15] Fol. 11.
[16] Fol. 24.
[17] **Dok FC1** a fol. 15 fol. 19 et. seq.
[18] Fol. 43.

- Il-konvenut ivverifika l-kont mal-perit tiegħu li ra x-xogħol li għamel l-attur u kkonfermalu li kien ogħli ħafna. Huwa ilmenta dwar il-kont ukoll ma' Paul Bilocca, *handyman* ma' Alfred Gera & Sons Limited.

- Madwar xahar u nofs jew xahrejn wara[19] li saru x-xogħlijiet, Pawlu Borg, l-imsemmi *handyman* ta' Alfred Gera & Sons Limited reġa' avviċina lill-konvenut għaliex sab l-ilma nieżel mill-ġdid bejn wieħed u ieħor fl-istess post mal-maħżen tagħhom u infurmah b'dan. L-ilma kien nadif mhux drenaġġ. Ġibidlu l-attenzjoni li l-ilma kien se jikkawża ħsara lill-merkanzija ta' Alfred Gera & Sons Limited.

- Il-konvenut għalhekk reġa' avviċina lill-attur iżda dan tal-aħħar infurmah li ma riedx jaħdem miegħu.

- Il-konvenut kien għalhekk qabbad persuna oħra, ċertu Marvin, biex jara minn fejn kienet ġejja l-ħsara u dan Marvin kellu jerġa' jaqla l-madum tal-ħajt sabiex isib minn fejn kienet ġejja l-problema. **Dan sab li l-ilma kien ġej mill-istess post fejn l-attur kien biddel l-elbow**.[20]

- L-imsemmi Marvin Mangion xehed fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2013[21] illi huwa jagħmel xogħol ta' *plumbing* u elettriku u tqabbad mill-konvenut biex jara minn fejn kienet ġejja l-problema tal-ilma;

> *'ngħid illi bdejna naqilgħu daqsxejn il-bogħod minn fejn eventwalment identifikajna l-problema ... ngħid illi bdejna minn fuq in-naħa tal-lemin ta' dan ir-ritratt u bdejna mexjin fid-direzzjoni opposta. Qed nigi mistoqsi jekk kienx hemm xi raġuni speċifika għalfejn is-sur Spiteri indikali li nibda dan ix-xogħol minn dan il-punt partikolari: u ngħid illi le ma jidhirlix li semmieli xi raġuni speċifika .... kien sar xi xogħol ta' tiswija minn ħaddieħor qabli li kien sar f'dik il-parti li tiġi allura fuq in-naħa tax-xellug ta' dan ir-ritratt u għalhekk jidher illi s-sur Spiteri ppresuma illi l-problema kienet min-naħa oħra u għalhekk issuġġerixxa li nibda mil-lemin.* ***Għandi ngħid li eventwalment il-problema li identifikajt jiena kien fis-sens illi kien hemm pipe li ma kienx imdaħħal sewwa go fitting u konsegwenza ta' dan kien qed jirriżulta leakage ta' ilma. Ngħid illi jiena xogħli kien illi allura nibdel dawn il-fittings minn fejn kien hemm il-problema.'***

[19] Fol. 70.
[20] Fol. 44.
[21] Fol. 66.

- L-attur qal iżda li meta l-konvenut ilmenta miegħu li reġa' kien hemm *leakage* mar fil-maħżen ta' Alfred Gera & Sons Limited u kkostata li l-ħajt kien imxarrab f'post ieħor.[22] Madanakollu, il-Perit Nicholas Sammut Tagliaferro xehed illi kien ikkomunika mieħu il-Perit Sarsero f' Mejju 2009 biex jinfurmah li reġgħet irriżultat il-problema tal-ilma fil-maħżen ta' Alfred Gera & Sons Limited fl-istess *area* u ċioé fejn kien hemm id-WC u għalhekk l-ewwel xogħol li kien sar minn France Cassar ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Da parti tiegħu, il-Perit Sammut Tagliaferro baqa' jsostni li minkejja li ma kienx issorvelja x-xogħlijiet,

> *'m'għandix dubju illi x-xogħol illi għamel Frans Cassar u minn dak li rajt kien kollox skont is-sengħa u l-arti ... mistoqsi f' liema stadju kien ix-xogħol meta jien aċċedejt fuq is-sit in kwistjoni ngħid illi mort meta kienet qegħda titneħħa t-torba.* ***Meta jien għedt illi x-xogħol li wettaq Frans Cassar sar skont is-sengħa u l-arti nippreċiża illi jiena ma rajtx ix-xogħol kompletat****, madanakollu kont iddiskutejt ma' Frans Cassar dwar is-sistema li kellu jadotta sabiex issir din il-biċċa xogħol, u minn l-esperjenxa illi kelli ta' xogħol ieħor illi għamel Frans Cassar din il-biċċa xogħol kellha ssir ukoll sewwa.* ***Bħala stat ta' fatt nikkonferma li jiena ma aċċedejtx fis-sit in kwistjoni wara li ġew kompletati x-xogħlijiet minn Frans Cassar u għalhekk ngħid illi minhix f'posizzjoni illi niċċertifika x-xogħol li sar minn Frans Cassar bħala xogħol li sar skont is-sengħa u l-arti***[23] (enfasi tal-Qorti)

- Il-Perit Robert Sarsero ippreżenta rapport datat 17 ta' Mejju 2013 eżebit bħala '**Dok RS1'** a fol. 59 tal-proċess li ġie mħejji abbażi ta' deskrizzjoni tax-xogħlijiet mogħtija mill-konvenut u xehed[24] illi abbażi tal-informazzjoni li taħ il-klijent tiegħu x-xogħol komplessiv imħejji mill-attur m' għandux jeċċedi l-valur ta' tmien mitt u għaxar ewro, ċioé, €410 '*material cost'* u €400 '*labour cost'* ikkalkolat bir-rata ta' €800 kuljum għal-ħamest ijiem. Qal ukoll li kien hemm xogħol li sar ħażin u inutilment tant illi meta reġa' kien hemm *leak* reġa' kien hemm perkolazzjoni t'ilma. Effettivament huwa spezzjona il-maħżen ta' Alfred Gera & Sons Limited minn fejn irriżulta li kien qiegħed iċarċa l-ilma għall-ġewwa l-maħżen. Żied jgħid ukoll li salv għat-toilet bowl ġdida, ma kien hemm l-ebda benefiċċju tax-xogħol li kien wettaq l-attur għall-konvenut għaliex kollox ried jerġa'

[22] Fol. 12.
[23] Fol. 20 et. seq.
[24] Fol. 56.

jinqala' u jinbidel. Fil-kalkolu tal-*material costs* il-Perit Sarsero qal li ġie miżjud ukoll il-prezz tad-WC li skont l-irċevuta li ġie muri kien jiswa €200. Spjega ukoll li l-prezz tal-materjal indikat huwa biss għal nofs il-kamra in kwantu l-konvenut infurmaħ li x-xogħol sar biss sa nofs il-kamra.

- Il-konvenut iddikjara li ma fadallux aktar madum u issa se jkollu jbiddel il-madum kollu tal-kamra.

**L-Ewwel Aggravju.**

7. L-attur jilmenta illi t-Tribunal ma rrispettax il-liġi in kwantu jirrigwarda l-evidenza mressqa u dan għaliex ma messux straħ fuq ir-rapport tal-Perit Sarsero li '*jammonta biss għal detto del detto'* peress li ma marx fil-post u li straħ fuq dak li qallu l-konvenut, iżda messu straħ fuq ir-rapport tal-Perit Sammut Tagliaferro li mar fil-post waqt li kien għaddej ix-xogħol.

8. Din il-Qorti tibda billi tirreferi għall-artikolu 9 tal-Kap. 380 jipprovdi illi bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regoli magħmula mill-Ministru a tenur tal-Artikolu 16 tal-Att dwar it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, ġudikatur jirregola l-proċedimenti quddiem Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skont id-dettami tal-ġustizzja naturali u skont is-subartikolu (2) tal-istess artikolu, ċioé, billi: jiżgura li l-każ jinstema' u jinqata' sommarjament kemm jista' jkun possibbli; **jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq mingħar il-ħtieġa li titressaq l-aħjar prova u bla ma jkun marbut dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta l-każ li jkun qed jittratta**; jiddeżisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti; jelenka d-dettalji ewlenin li fuqhom ikun sejjes id-deċiżjoni tiegħu; u ikollu l-istess setgħa daqs maġistrat li joqgħod fil-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza ċivili tagħha u b'mod partikolari jkun jista' jħarrek ix-xhieda u jamministralhom il-ġurament.

9. Dwar il-punt sollevat mill-appellant, it-Tribunal ikkunsidra s-segwenti qabel ma wasal għad-deċiżjoni li jistrih fuq ir-rapport tal-Perit Sarsero:

> *'Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut ma hix daqstant dwar ix-xogħol li ġie mwettaq mill-attur – in kwantu d-deskrizzjoni li ngħatat mill-attur dwar ix-xogħol imwettaq minnu, ma ġietx ikkontestata mill-konvenut, u din id-deskrizzjoni ta' xogħlijiet hija riflessa fir-rapport imħejji mill-Perit Sarsero, li ħejja tali stima fuq informazzjoni mgħotija lilu mill-konvenut –* ***iżda dwar il-prezz mitlub mill-attur għal dan ix-xoghol, kif ukoll dwar jekk ix-xogholijiet ġewx imwettqa skond is-sengħa u l-arti****, tenut kont illi*

*jidher illi l-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-maħżen tal-konvenut reġgħet irriżultat ftit taż-żmien wara li saru x-xogholijiet mill-attur, u li huma l-mertu ta' din l-azzjoni.*

*Illi dwar il-ħlas li qed jiġi mitlub mill-attur, it-Tribunal għandu quddiemu żewġ stejjem imħejjija minn żewġ Periti, li għalkemm jindikaw l-istess xogħolijiet, jikkontrastaw bejniethom b'mod sinjifikanti f'dak li jirrigwarda l-valur mogħti lil dawn ix-xogħolijiet, inkluż il-prezz tal-materjal li ntuża. Illi fid-dawl tal-fatt illi ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet dwar x'rati kienu ser jigu applikati mill-attur għax-xoghol li kien ser jiġi mwettaq minnu, wassal in parte għal dan in-nuqqas ta' qbil bejniethom, u dan in kwantu l-attur qed jipprezza x-xogħol tiegħu fil-kuntest tal-iskariġġ li kien involut fit-twettiq tiegħu, filwaqt illi l-konvenut jidhirlu illi tenut kont tad-daqs żghir tal-kamra fejn ġie mwettaq ix-xogħol, il-prezz mitlub huwa għoli wisq.*

*... oltre dan, il-konvenut jikkontendi illi x-xogħol li ġie mwettaq mill-konvenut ma sarx skond is-sengħa u l-arti ...*

*... **jidher illi x-xogħol li ġie mwettaq mill-attur ma sarx skond is-sengħa u l-arti, in kwantu ma rrisolviex il-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma, u lanqas ma kien dispost li jivverifika l-ilment tal-konvenut meta avżah illi l-problema ppersistiet**. Illi t-Tribunal għalhekk ser jgħaddi sabiex jakkolji t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut f'dak li jirrigwarda t-talba għall-ħlas tal-attur għall-mano d'opera sabiex wettaq ix-xogħol mertu ta' din l-azzjoni, b'dan illi ser jillikwida ammont li għandu jitħallas mill-konvenut lill-attur għall-materjal li ntuża fil-kamra in kwistjoni. Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal ser jistrieh fuq il-valur mgħoti mill-Perit Robert Sarsero – inkarigat mill-konvenut – fir-rapport imħejji minnu datat 17 ta' Mejju 2013, u dan in kwantu l-valur ta' dan il-materjal ġie likwidat fl-ammont ta' erba' mija u għaxar Euro (€ 410.00).*

10. Illi jsegwi mill-paragrafi 'l fuq ċitati li t-Tribunal straħ fuq dak li xehed il-Perit Rober Sarsero limitatament fil-kuntest tal-materjal użat u mhux għal dak li għandu x' jaqsam ma' *mano d'opera* in kwantu kull pretensjoni attriċi f'dan is-sens ġiet miċħuda.

11. Din il-Qorti tinnota li għalkemm il-Perit Sammut Tagliaferro mar fil-post darba jew tnejn meta kien qiegħed isir ix-xogħol, **fix-xhieda tiegħu ppreċiża li ma rax ix-xogħol kompletat u ma kienx f'posizzjoni li jiċċertifika li x-xogħol li sar minn Frans Cassar kien skont is-sengħa u l-arti**. Huwa spjega li ċ-ċifri minnu kkwotati m'humiex ibbażati fuq kejl iżda fuq '*mandays*' abbażi ta' dak li qallu l-attur, salv xi riduzzjonijiet fejn ma qabilx. Ix-xhieda tiegħu ma tispeċifika xejn aktar dwar il-bażi taċ-ċifri li għandhom x'jaqsmu mal-materjal użat.

12. Min-naħa l-oħra il-Perit Robert Sarsero, għalkemm huwa minnu li xehed li straħ fuq dak li qallu l-konvenut, spjega li l-item li ġie mmarkat bħala '*material cost'* jinkludi l-prezz tad-WC skont irċevuta li ġie muri kif ukoll '*bricks, cement, sand, loose fill, liquid membrane, water pipe connection, etc' 'għal nofs id-daqs tal-kamra għaliex jiena mill-informazzjoni li ngħatajt tbiddel biss nofs'*.

13. Peress li l-ebda rċevuti ma ġew ippreżentati quddiem it-Tribunal din il-Qorti ma tistax tivverifika jekk l-ammont pretiż mill-attur huwiex ġustifikat *o meno*. Fiċ-ċirkostanzi, ladarba l-Perit Sammut Tagliaferro ukoll straħ fuq dak li qallu l-klijent tiegħu sabiex ħejja r-rapport u ladarba l-Perit Robert Sarsero straħ mhux biss fuq dak li qallu l-konvenut iżda ukoll fuq l-irċevuti li ingħatawlu, din il-Qorti ma tara xejn irregolari fil-fatt li t-Tribunal straħ fuq ix-xhieda u r-rapport tal-Perit Sarsero fil-likwidazzjoni tal-valur tal-materjal li l-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-attur.

14. Dwar l-ilment tal-attur li l-Perit Robert Sarsero ibbaża l-kalkoli tiegħu fuq <u>nofs</u> id-daqs tal-kamra '*għaliex ix-xogħol sar biss sa nofs il-kamra'* mentri skontu kien inqala' l-madum tal-art <u>kollu</u>, il-Qorti tinnota li l-attur ma kkonfrontax lill-Perit Sarsero oltré dwar dan il-punt in kontro-eżami.

15. Il-Qorti rat ukoll li l-konvenut appellat fix-xhieda tiegħu jgħid li meta l-attur mar fuq il-post '*minn dak il-ħajt ta' l-erba' piedi qala' madwar ħames filati madum minn mal-ħajt. Ngħid illi kisser ukoll nofs il-madum ta' l-art'.* Waqt ix-xhieda tal-21 ta' Novembru 2012 qal ukoll li t-torba mibdula kienet metru u kwart kwadru li jindika li kien qed jirreferi għal nofs il-volum tal-kamra tal-WC li ġiet imkejjla mill-Perit Sarsero li għandha l-qies ta' 1.38m b' 2m. Huwa reġa tenna dan in kontro-eżami.

16. Da parti tiegħu l-kont imħejji mill-Perit Nicholas Samut Tagliaferro a fol. 15 tal-proċess ma jikkwantifikax il-volum ta' materjal użat u fix-xhieda tiegħu ma għamel l-ebda kjarifika ulterjuri dwar il-materjali elenkati fil-kont imħejji minnu.

17. Fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti ma tara l-ebda bażi biex tvarja mill-konklużjoni raġġunta mit-Tribunal b'dan illi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

18. Illi permezz tat-tieni aggravju l-attur appellant jilmenta mbgħad illi t-Tribunal ma kienx ġustifikat li jasal għall-konklużjonijiet ibbażati fuq il-premessa li kien sar *pressure test* filwaqt li mill-evidenża li ressaq il-konvenut u saħansitra r-rapport tal-Perit Sarsero jixhdu li ma sar l-ebda *pressure test*.

19. Illi l-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal kienu s-segwenti:

> *'... oltre dan, il-konvenut jikkontendi illi x-xogħol li ġie mwettaq mill-konvenut ma sarx skond is-sengħa u l-arti, tant illi l-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma ma ġietx riżolta, u ppersistiet, tant illi ftit taż-żmien wara, reġa' rriżulta ingress ta' ilma għal ġewwa l-maħżen ta' Alfred Gera & Sons Limited.*
>
> *Illi mill-provi mressqa mill-partijiet ma jirriżultax b'mod ċar u inekwivoku jekk il-problema li rriżultat fit-tieni istanza kienitx effettivament mill-istess post fejn kien ġie mwettaq ix-xogħol mill-attur, għalkemm Marvin Mangion iddikjara b'konvinzjoni illi l-ħsara li rriżultatlu kienet fil-parti li tidher immarkata fuq ritratt numru wiehed (1) a fol. 38 tal-atti, u ċioe' mill-istess post fejn l-attur allegatament kien wettaq ix-xogħol ta' tiswija. Illi fil-fehma tat-Tribunal huwa diffiċli illi jiġi stabbilit b'ċertezza illi l-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma li rriżultat it-tieni darba kienitx neċessarjament mill-istess post fejn saret it-tiswija mill-attur l-ewwel darba. Madanakollu, bħala stat ta' fatt irriżulta illi* ***rega' kien hemm perkolazzjoni ta' ilma minn din l-istess kamra tat-toilet ftit tal-ġimgħat biss wara li għamel ix-xogħolijiet ta' tiswija l-attur, u ġialadarba jidher illi dan qala' ħafna mill-madum ta' din il-kamra u allegatament wettaq xi pressure tests wara li bidel xi pipes, allura dan in-nuqqas jew difett fis-sistema tal-ilma kellu jirriżulta waqt li kien għaddej bix-xogħol l-istess attur.'***

20. Illi l-Qorti hawnhekk tirreferi għax-xhieda ta' Michael Aquilina a fol. 23 tal-proċess li jaħdem fid-dawl u ilma u kien imur jaħdem mal-attur fil-fond tal-konvenut. Huwa stqarr hekk: *'Għandi ngħid illi aħna tajnihom cans tliet ijiem bil-high pressure test. Illi għalhekk dawn l-istess katusi aħna biddilnihom u ttestjajnihom – pajpijiet tal-ilma; illi għalhekk dawn il-pajpijiet tal-ilma u drains aħna bdilnihom u ħallejnihom tliet ijiem sabiex nittestjawhom'.*

21. Dan ġie ikkonfermat ukoll minn Chirstopher Bigeni, lavrant mal-attur, li xehed li meta tlestew ix-xogħlijiet il-problema ta' *leakage* ta' ilma kienet waqfet u ġiet riżolta għaliex waqt ix-xogħol saru xi testijiet appożiti.[25]

22. Apparti l-fatt li l-argument li ma sarx *pressure* test ma jiġġovax lill-appellant, a bażi tax-xhieda tal-lavranti tal-attur stess din il-Qorti tqis l-aggravju tal-appellant, fis-sens illi l-ewwel Qorti ma setgħetx tkun ġustifikata tasal għall-

[25] Fol. 30.

konklużjoni tagħha fuq il-premessa li kien sar *pressure test,* bħala li jirrażżenta l-fieragħ.

23. Mix-xhieda ta' Michael Aquilina jsegwi ukoll illi, *dato ma non concesso* illi l-ewwel perkolazzjoni kienet ġejja mill-katusi tat-toilet u mill-pipe tal-acorn, filwaqt illi t-tieni perkolazzjoni kienet ta' ilma nadif mhux drenaġġ, kif allegat mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, minn din ix-xhieda jirriżulta li x-xogħol effetwat mill-attur ma kienx limitat biss għad-*drains* iżda wkoll għall-pajpijiet tal-ilma li qal li kien ittestja.

24. Illi inoltre, Paul Bilocca, *handyman* mas-soċjetà Alfred Gera & Sons, '*mistoqsi jekk fit-tieni okkażjon l-ilma kienx fl-istess post fejn konna rajnieh qabel ngħid illi kien hemm roqgħa imtebba sostanzjali,* ***u bejn wieħed u ieħor iva l-ilma kien reġa' ħareġ mill-istess post***'.

25. F' dan il-kuntest hi wkoll rilevanti d-deposizzjoni ta' Marvin Mangion li kien ġie nkarigat mill-konvenut sabiex jidentifika minn fejn reġa kien ħiereġ l-ilma u jsewwi l-ħsara. Ix-xhud spjega li beda x-xogħol min-naħa tal-lemin għaliex Spiteri ppreżuma li l-probelma kienet minn dik in-naħa u mhux minn fejn kien għadu kif tlesta xogħol (ara ritratt numru 1 li rrefera għalih ix-xhud). Effettivament il-problema ġiet identifikata fid-direzzjoni opposta, ċjoe' fuq in-naħa tax-xellu, fejn ix-xhud qal li **nstab *pipe* li ma kienx imdaħħal sewwa go fitting** u konsegwenza ta' dan kien qed jirriżulta *leakage* t' ilma. Lil dan ix-xhud ma sarlux kontro-eżami u ma jirriżultax li hemm kontradizzjonijiet jew inkonsistenzi f'dak li xehed.

26. Kif tajjeb argumenta l-appellat, abbażi tal-provi prodotti:

i. jekk il-fitting kien imwaħħal ħażin qabel ma ħadem fuqu l-attur, ifisser li l-attur naqas milli jidentifikah meta kien qiegħed jagħmel ix-xogħlijiet. Jekk kif per eżempju qal Michael Aquilina kien sar *pressure test* fuq il-pajpijiet, il-probabilta' hi li d-difett kien jiġi identifikat f'dak l-istadju; jew

ii. il-fitting twaħħal ħażin mill-attur jew in-nies li kienu qegħdin igħinuh.

F'kull każ, iż-żewġ ċirkostanzi huma prova ta' negliġenza grassa da parti tal-attur fit-twettiq tax-xogħol li tqabbad jaghmel.

27. In vista ta’ dan, din il-Qorti ma tara l-ebda bażi li twassalha biex tilqa’ dan l-aggravju.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.